MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 931/2001/1

**Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance p.l.c.**

**vs**

**Paul Vella, Jason Psaila, Andrew Psaila li b'digriet tal-Qorti tal-1 ta' Novembru 2004 gew assunti l-atti minn Jason, Alyce mart Darren Vella u Tyrone ahwa Psaila peress li miet missierhom Andrew waqt il-mori tal-kawza, u Stephen Caruana**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni mressqa minn Fogg Insurance Agencies Limited ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' estera Avon Insurance plc, li permezz taghha, wara li ppremettiet illi:

Is-socjeta' attrici kienet harget polza tal-assigurazzjoni tat-tip *Third Party Fire and Theft* sabiex tkopri l-vettura tat-tip Landrover, bin-numru ta' registrazzjoni EAW 209, di proprjeta' tal-konvenut Paul Vella;

Ai termini tal-polza msemmija, l-assigurat il-konvenut Paul Vella rregistra *claim* mas-socjeta' attrici in konnessjoni ma' incident awtomobilistiku li allegatament sehh fl-20 ta' Jannar 1998, ghall-habta tas-6.40 a.m., in kwantu l-istess konvenut allega illi kien qed isuq il-vettura tieghu fuq imsemmija, gewwa Qorma Road, Luqa, u safa involut f'kollizjoni mal-konvenut Jason Psaila, li allegatament kien qieghed isuq il-vettura tat-tip Hyundai bin-numru ta' registrazzjoni GAM 673, proprjeta' ta' missieru l-konvenut Andrew Psaila;

In segwitu ghall-imsemmi allegat incident awtomobilistiku, gew redatti r-*Road Accident Report* u sahansitra l-iskizz relattiv, mill-konvenut Stephen Caruana, li dak iz-zmien kien kuntistabbli tal-Pulizija;

Il-konvenut Paul Vella ammetta formalment mas-socjeta' attrici r-responsabilita' piena tieghu ghall-imsemmi allegat incident awtomobilistiku;

A bazi tal-*claim* relattiv maghmul mill-konvenut Paul Vella, is-socjeta' attrici kkummissjonat *survey* u rrizulta illi allegatament bhala rizultat tal-istess allegat incident, il-vettura di proprjeta' tal-konvenut Andrew Psaila, li kellha *pre-accident value* ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500), soffriet danni estensivi, tant illi giet iccertifikata bhala illi kienet ghal kollox *beyond economical repair*;

Ghalhekk u a bazi tal-obbligazzjonijiet taghha ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, is-socjeta' attrici hallset lill-konvenut Andrew Psaila s-somma ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500), rapprezentanti l-*pre-accident value* tal-vettura di proprjeta' tieghu, kif fuq premess;

Kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, sussegwentement irrizulta illi l-imsemmi allegat incident

awtomobilistiku kien ghalkollox fittizju in kwantu qatt ma sehh fir-realta' u d-dettalji tieghu gew fabbrikati u orkestrati mill-konvenuti jew min minnhom unikament bl-intiza illi jottjenu, b'mod frawdolenti, il-hlas tas-somma ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500) minghand is-socjeta' attrici , kif fil-fatt gara;

L-ammont ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500) thallas mis-socjeta' attrici bhala rizultat dirett tal-frodi ezercitat fil-konfront taghha mill-konvenuti jew min minnhom, kif jista' jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Ghaldaqstant, bhala rizultat ta' tali agir abbuziv, illegali u frawdolenti, perpetrat mill-konvenuti jew min minnhom, anke b'kolluzjoni bejniethom, l-imsemmija konvenuti jew min minnhom huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500);

Il-konvenuti, minkejja li gew diversi drabi interpellati sabiex jaghmlu tajjeb ghal dan l-ammont fuq imsemmi, anke permezz ta' ittri ufficjali, baqghu inadempjenti.

Talbu l-konvenuti jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom iffabbrikaw id-dettalji tal-allegat incident awtomobilistiku tal-20 ta' Jannar 1998 hawn fuq imsemmi, liema incident qatt ma sehh kif allegat, u ghalhekk, huwa ghalkollox fittizju;

Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement illi s-somma ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500) thallset mis-socjeta' attrici bhala rizultat dirett tal-agir illegali, abbuziv jew frawdolenti ezercitat fil-konfront taghha mill-konvenuti jew min minnhom;

Tiddikjara u tiddeciedi konsegwentement, illi l-konvenuti jew min minnhom huma responsabbli ghar-rifuzjoni tal-ammont ta' sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500) lis-socjeta' attrici;

Tikkundanna konsegwentement lill-konvenuti jew min minnhom, sabiex ihallsu lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ sebat elef u hames mitt lira Maltin (Lm7,500).

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandati Kawtelatorji pprezentati kontestwalment ma’ dan l-Att, tal-ittri ufficjali datati l-1 ta’ Marzu 1999 u 12 ta’ Frar 2001, u interessi legali, mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-1 ta’ Marzu 1999, kontra l-konvenuti li jibqghu minn issa ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Paul Vella, li in forza taghha eccepixxa illi:

Li hu ma ghamel l-ebda rapport fittizju u rrapporta biss dak li verament sehh.

Li hu ma rcieva l-ebda flus, kif jinghata l-impressjoni li ghamel mill-premessi u d-dikjarazzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni annessa.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Andrew Psaila, li in forza taghha eccepixxa illi:

It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif ukoll insostenibbli fil-konfront tal-eccipjent stante illi huwa ma ezercita ebda agir illegali, abbuziv jew frawdolenti fil-konfront tas-socjeta’ attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Stephen Caruana li in forza taghha eccepixxa illi:

Relattivament ghall-ewwel talba attrici, din hija infondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez,

stante li ma ffabbrika l-ebda dettalji tal-incident li sehh fl-20 ta' Jannar 1998.

Relattivament ghat-tieni talba attrici, din hija nfondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li s-socjeta' attrici ma hallsitx rizultat ta' xi agir illegali, abbuziv jew frawdolenti ezercitat mill-eccipjent.

Relattivament ghat-tielet talba attrici, din hija infondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjez stante li mhux responsabbli ghall-ebda rifuzjoni ta' xi ammont lis-socjeta' attrici, aktar u aktar meta ma nkassa xejn minghand l-istess socjeta' attrici.

Relattivament, ir-raba' talba attrici hija nfondata sia fil-fatt u sia fid-dritt u ghandha tigi michuda stante li ma ghandux jaghmel fronti ghal xi kundanna ghall-pagament favur is-socjeta' attrici.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Jason Psaila li in forza taghha eccepixxa illi:

It-talbiet attrici huma ifondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhuwiex minnu li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma sehhx u mhuwiex minnu li l-eccipjent ikkommetta xi agir illegali, abbuziv jew frawdolenti fil-konfront tas-socjeta' attrici.

Sussidjarjament u bla pregudizzju, fi kwalunkwe kaz l-eccipjent ma rcieva ebda flus minghand is-socjeta' attrici in konnessjoni mal-incident in kwistjoni u kwindi ma jista' qatt jigi kkundannat jirrifondilhom is-somma minnhom imsemmija jew xi parti minnha.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permissibbli skont il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata annessa.

Rat id-dokumenti kollha esebiti.

Rat il-verbali tas-seduti quddiem din il-Qorti diversament presjeduta u t-traskrizzjoni tax-xhieda kollha moghtija kemm quddiem il-Qorti diversament presjeduta.

Semghet xhieda viva voce.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet imressqa mis-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet imressqa minn Stephen Caruana.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' Paul Vella.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenut Jason Psaila.

Rat in-nota ta' osservazzjonijiet tal-konvenuti Jason Psaila, Alyce Vella u Tyron Psaila fil-kapacita' taghhom ta' werrieta ta' Andrew Psaila li miet fil-mori tal-kawza u li, permezz ta' digriet tal-Qorti tal-1 ta' Novembru 2004 assumew l-atti minflok missierhom defunt.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawza, is-socjeta' assikuratrici Fogg qed titlob dikjarazzjoni li l-konvenuti jew xi hadd minnhom iffabbrika incident tat-traffiku li lilha swielha Lm7,500 fi spejjez li kellha thallas. Qed titlob rifuzjoni ta' dawn il-flus. Il-konvenuti kollha jichdu li gara hekk.

Jirrizulta mill-provi illi fl-20 ta' Jannar 1998 gie rrapurtat li sehh incident f'Hal Luqa bejn Landrover ta' Paul Vella misjuqa minnu u Hyundai Lantra proprjeta' ta' Andrew Psaila misjuqa minn ibnu Jason Psaila. Il-konvenut, Stephen Caruana, li kien kuntistabbli tal-pulizija hejja Road Accident Report u skizz relattiv. Paul Vella li kien assigurat fuq bazi ta' "third party" mas-socjeta' attrici, ammetta t-tort ghall-incident. Is-socjeta' attrici Fogg

hallset lil Andrew Psaila s-somma ta' Lm7,500 ghaliex il-vettura Hyundai giet dikjarata "beyond economical repair".

Jirrizulta wkoll pruvat illi in konnessjoni ma' dan l-incident gew istitwiti proceduri kriminali fil-konfront tal-konvenuti. Stephen Caruana ammetta l-akkuzi kriminali ta' korruzzjoni u gie kkandunnat ghall-piena karcerarja sospiza u interdizzjoni. Jason Psaila instab hati li kkorrompa ufficcjal pubbliku. Paul Vella kien gie liberat mill-akkuza li kkorrompa lill-ufficcjal tal-pulizija ghaliex ma ntweriet ebda konnessjoni bejnu u l-kuntistabbli. Gie liberat mill-akkuza li ghamel gwadann frawdolenti ghad-detriment ta' Fogg ghaliex ma rrizultax li hu ha xi parti mill-flus imhallsa minn Fogg.

F'dan l-isfond, din il-Qorti issa ser tghaddi biex tezamina l-provi in relazzjoni ma' kull wiehed mill-konvenuti. Qabel xejn, madanakollu, il-Qorti ghandha d-dover ittenni l-principju li jirregola l-prova mehtiega f'kawzi ta' natura civili. Ghad-differenza ta' kawzi kriminali, f'kawzi civili mhuwiex mehtieg li l-Qorti tigi konvinta minghajr ebda dubju dettat mir-raguni, izda huwa sufficcjenti li l-grad ta' prova milhuq ikun fuq bilanc ta' probabilitajiet.

Lanqas ma hija l-Qorti kostretta fil-kamp civili b'certi regoli strettissimi applikabbli fil-kamp kriminali rigwardanti l-permessibilita' ta' xhieda ta' komplici u ko-akkuzati.

Inoltre, huwa doveruz li wiehed jiftakar ukoll illi, ghalkemm din il-Qorti mhijiex marbuta b'rizultanzi tal-Qrati fil-gurisdizzjoni kriminali, is-sentenzi jistghu jingiebu, flimkien ma' provi ohra bhala provi fil-proceduri civili.

Kif irriteniet il-Qorti fil-kawza "Ciantar vs Curmi" (deciza fit-28 ta' April 2003 mill-Imhallef Ph. Sciberras):

"*Fil-kamp civili ghal dak li hu apprezzament tal-provi, il-kriterju mhuwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal-hajja, verosimili. Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku ta' azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien*

*mal-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghall-konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali ji ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli (**Vol. XXXVI P I p 319**).*"

Irriteniet ukoll:

"*In kwantu bazat fuq in-nozzjoni tal-uberrimae fidei kuntratt bhal dan ghandu jirrivesti l-bona fede fil-perkors u durata kollha tieghu.*"

F'din il-kawza, il-Qorti kkunsidrat l-ammissjoni tal-konvenut Stephen Caruana fil-proceduri kriminali, wara l-istqarrija tieghu fejn spjega hekk:

"*Wara din il-kollizjoni, ghall-habta ta' Jannar illi ghadda, kien rega' cempilli Jason u qalli illi kien xtara karozza Hyundai Coupe' u illi kien jixtieq jaghmel l-istess haga, jigifieri illi jikklejmja habta mill-insurance. Jiena kont ghidtlu illi ma stajtx nghinu peress illi kienu bdew tal-bumper-to-bumper. Huwa kompla jinsisti u jiena ergajt waqajt. Din id-darba ma weghdnix flus, peress illi kienet ghalih. It-taparsi habta kellha ssir ma' Landrover. Naf illi l-Coupe' kien fuq missier Jason waqt illi l-Landrover ma nafx ta' min kienet, pero', jekk m'iniex sejjer zball dan kien jigi xi haga minnu. Jiena kont hadt hsieb l-isketch taparsi habtu f'Qormi Road, waqt illi l-Hyundai miexi mill-main road u l-Landrover hareg mill-Industrial Estate ta' Hal Luqa. Ir-rapport tal-pulizija lill-insurance kien ghamlu wkoll is-Surgent Salvu, pero' dan l-istess ma kienx jaf illi din ma kinitx vera. Xi gimghat wara kien sabni Jason u kien tani s-somma ta' Lm100.*"

Jason Psaila ukoll kien instab hati li kkorrompa lill-ufficcjal tal-pulizija u talli ghamel gwadann finanzjarju ghad-dannu tas-socjeta' assikuratrici, sentenza konfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Fl-istess proceduri, Paul Vella kien gie liberat mill-Qorti tal-Appell wara sejbien ta' htija mill-Qorti tal-Magistrati. Il-Qorti tinnota illi dan gara ghaliex il-proceduri penali strahu essenzjalment fuq l-istqarrija tal-

ufficcjal tal-pulizija li ma kien kellu ebda kuntatt ma' Paul Vella.

Oltre ghad-diversi proceduri kriminali li kkostataw li l-incident de quo kien fittizju, il-Qorti kkunsidrat fattur iehor ghaliha ta' rilevanza probatorja sinjifikanti ferm.

Jirrizulta illi hmistax-il gurnata biss qabel l-allegat incident tat-traffiku, inharget stima ghax-xiri ta' parts tal-karozza involuta fl-incident. L-istima kienet ghall-parts konnessi precizament mal-hsarat li allegatament garrbet il-vettura fl-incident fittizju. Mhemm ebda dubju li din l-istima (esebita in atti Dok. MEC1) inharget precizament ghal din il-vettura ghaliex jirrizulta illi hija specifika ghall-vettura bix-"chassis number" partikolari tal-karozza Hyundai. Dan wassal ghall-fehma li l-karozza kienet ilha li sofriet hsara u l-messa in xena kollha kienet intiza biex tkopri l-ispejjez tat-tiswija.

Iz-zewg xhieda prodotti mill-konvenuti in sostenn tad-difiza taghhom ma rawx l-incident isehh. Lanqas ma jistghu jkunu ta' sostenn ghall-konvenuti fir-rigward tal-arrangament stante li ma kienu qatt f'pozizzjoni li kienu jafu jekk l-incident kienx orkestrat jew le.

Finalment, ghar-rigward tal-konvenut Andrew Psaila, li gie nieqes fil-mori ta' dawn il-proceduri, il-Qorti tinnota illi, peress illi kien hu l-proprjetarju registrat tal-vettura li dwarha sar il-pagament mill-assikurazzjoni, kien hu li thallas effettivament ta' dak li ma kienx dovut. Ic-cheque inhareg lilu u kien hu li ffirma id-dokumenti relattivi.

Ghaldaqstant, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, tilqa' l-ewwel talba kif dedotta; tilqa' t-tieni talba; tilqa' t-tielet talba u tiddikjara illi l-konvenuti huma in solidum responsabbli ghar-rifuzjoni ta' sbatax-il elf, erba' mija u sebghin ewro u tletin centezmu (€17,470.30) ekwivalenti ghal sebat elef u hames mitt liri Maltin (Lm7,500) lis-socjeta' attrici; tilqa' r-raba' talba u tikkundanna lill-konvenuti in solidum ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sbatax-il elf, erba' mija u

sebghin ewro u tletin centezmu (€17,470.30), bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitluba fic-citazzjoni.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Paul Vella, Jason Psaila, Stephen Caruana, Alyce Vella u Tyron Psaila in solidum bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------